TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 98/12

**Anthony Galea**
**vs**
**Mario Cutajar - Ultimate**

Illum 28 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 t'April, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitt ewro (€100), rappreżentanti danni subiti fuq il-magna tal-ħasil illi wara li nxtrat u ġiet installata, indunaw immedjatament li kien hemm tatina mal-ġenb.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għat-tieni seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija bint l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu xtraw magna tal-ħasil, u meta ġiet installata u wara li kienu telqu l-*installers*, ġie nnotat illi kien hemm tatina fuq il-ġenb.

L-intimat daparte tiegħu ssottometta illi kien hemm erbgħa min-nies *da parte* tar-rikorrenti u żewġ *installers* u ħadd ma nduna b'din it-tatina u dak li ġara, ġara aktar tard.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi biex sitta min-nies ma jindunawx illi kien hemm tatina, hija mpossibbli u għalhekk iktar qed jagħti piż lill-verżjoni tal-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888